# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għaxra (10) ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 276/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dr. Rita Mifsud (Karta tal- Identita' numru 472696M) bħala mandatarja speċjali tal-assenti Teresa Le Roux (Passaport Ingliż numru 532894308)**

**Vs**

**Dr Fransina Abela u l-PL Liliana Buhagiar bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Simon David Cook.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta' Marzu 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti mandatarja talbet s-segwenti:

    1. *Illi bis-saħħa ta' sentenza moghtija fl-24 ta' April 2017 mill-42nd Circuit Court for the County of Midland, fl-Istat ta' Michigan, fl-Istati Uniti, fil-kawża bin- numru 16-3774-DM-C, ġie xolt iż-żwieġ bejn ir-rikorrenti nomine u l-intimat u ġie ppronunzjat id-divorzju tal-partijiet (kopja tas-sentenza annessa u mmarkata Dok.A).*

    2. *Illi permezz tal-imsemmija sentenza r-rikorrenti nomine ġiet assenjata sehem ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-polza magħrufa bħala Dow Coming Limited (UK) Employees' Pension Plan, liema assenjazzjoni kellha ssir permezz ta' Qualified Domestic Relations Order li għandha titqies bħala parti integrali tal-istess sentenza.*

3. *Illi l-imsemmija polza kienet ġiet ikkonvertita f'polza magħrufa bħala STM Malta (US) Retirement Plan, li ġiet maqsuma f'żewġ kontijiet separati u distinti.*

4. *Illi permezz ta' Second Amended Qualified Domestic Relations Order tat-23 ta' Ottubru 2018, (kopja annessa u mmarkata Dok.B) ir-rikorrenti nomine ġiet assenjata l-polza fil-kont magħruf bħala STM Malta (US) Retirement Plan PF793461 bħala sehemha mid-diviżjoni tal-assi matrimonjali hekk kif ġie deċiż fl-imsemmija sentenza tal-24 ta' April 2017.*

5. *Illi l-imsemmija sentenzi tal-24 ta' April 2017 u tat-23 ta' Ottubru 2018 ngħataw minn Qorti kompetenti u saru ġudikat.*

6. *Illi r-rikorrenti nomine għandha interess li l-imsemmija sentenzi jiġu reżi eżegwibbli f'Malta u dan sabiex il-polza li tinsab hawn Malta tkun tista' tiġi trasferita f'isimha.*

7. *Illi r-rikorrenti nomine taf b'dawn il-fatti personalment.*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti nomine umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

   1. *A tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenzi mogħtija fl-24 ta' April 2017 u tat-23 ta' Ottubru 2018 mill-42nd Circuit Court for the Counry of Midland, fl-Istat ta' Michigan, fl-Istati Uniti li permezz tagħha r-rikorrenti nomine ġiet assenjata l-polza magħrufa bħala STM Malta (US) Retirement Plan PF793461;*
   2. *Konsegwentement tordna li l-polza magħrufa bħala STM Malta (US) Retirement Plan PF793461 għandha tigi assenjata fl-intier tagħha lir-rikorrenti nomine.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-14 ta' Ġunju 2019, Dr Fransina Abela u l-PL Liliana Buhagiar ġew appuntati bħala Kuraturi għan-nom tal-assenti Simon David Cook.

3. Rat illi fil-5 ta' Awissu 2019, l-Kuraturi Deputati ppreżentaw id-difiża tagħhom, fejn eċċepew is-segwenti:

   1. *In linea preliminari, r-rikorrenti bħala mandatarja speċjali tal-assenti Teresa Le Roux għandha teżebixxi il-kopja tal-prokura li bis-saħħa tagħha ġiet appuntata mandatarja tal-istess Teresa le Roux;*

   2. *Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk minn issa qed jirriservaw li jressqu dawk l-eċċezzjonijet ulterjuri skond il-Liġi;*

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti għandha tindika l-aħħar indirizz magħruf ta' Simon David Cook.*

4. Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti ippreżentat kopja tal-prokura rilaxxjata minn Teresa Le Roux kif ukoll dettalji ta' l-aħħar indirizz magħruf.

5. Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2019, l-Kuraturi Deputati ippreżentaw dokument ossija email datata 11 ta' Ottubru 2019 ta' Simon David Cook illi fiha huwa qabel mat-talba kif redatta quddiem dina l-Qorti. (fol 31)

6. Rat illi fil-21 ta' Novembru 2019, ir-rikorrenti talbu żmien sabiex iressqu l-provi.

7. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019, l-Kuraturi Deputati reġgħu, għal darba oħra, ippreżentaw l-email tal-11 ta' Ottubru 2019, fejn Simon David Cook qabel mat-talba tar-rikorrenti.

8. Rat illi fis-27 ta' Jannar 202, ir-rikorrenti ippreżentat l-affidavit ta' **Teresa Le Roux**.

9. Rat illi fis-17 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrenti ippreżentat l-affidavit ta' **Stephen E Durance**.

10. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2020, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħluqa.

11. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2020, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

12. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ippreżentati fil-31 ta' Awissu 2020.

13. Rat illi l-Artikolu 826 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12, jipprovdi illi:

    *Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.*

14. Rat illi l-Artikolu 827 ta' l-istess Kap 12 jindika x'eżami trid tagħmel il-Qorti f'każ ta' talba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż barra minn Malta, u jipprovdi li eżekuzzjoni ma għandhiex issir:

    *(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*

    *(b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kinux kontumaċi skont il-liġi barranija;*

    *(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta.*

15. Rat illi, minn eżami tad-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti mandatarja, partikolarment il-'***Judgment of Divorce***' mogħtija mill **42nd Circuit Court** tal-**County of Midland** fl-istat ta' **Michigan**, fl-24 ta' April 2017 kif ukoll is-'***Second Amended Qualified Domestic Relations Order***' mogħtija mill-istess Qorti, din id-darba fit-23 ta'

Ottubru 2018, ma jirriżultax illi hemm xi raġuni, kif indikat fl-Artikolu 827, biex dina l-Qorti ma tirrikonoxxix is-sentenzi u ordnijiet fuq imsemmija u tapprova l-eżekuzzjoni tagħhom f'Malta.

16. Rat illi, permezz ta' email datat 11 ta' Ottubru 2019, l-assenti Simon David Cook, illi għalih qed jidhru l-Kuraturi Deputati debitament maħtura, saħaq illi '*I am in agreement with Ms Teresa le Roux and Dr Rita Mifsud to enforce the court order. In other words, I approve the action and have no objection*"

17. Rat illi għalhekk deċiżjoni minn dina l-Qorti setgħet tingħata aktar minn sena ilu iżda ġiet prekluża tagħmel dan mir-rikorrenti u dokumentazzjoni illi riedet tippreżenta.

18. Rat illi, fl-assjem tal-fatti kollha fuq imsemmija, l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tikkunsidrax favorevolment it-talba rikorrent, għajr għal dak illi jirrigwarda spejjeż.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti ippreżentati quddiemha,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, għalhekk,

A tenur tal-artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, **tordna** l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenzi mogħtija fl-24 ta' April 2017 u tat-23 ta' Ottubru 2018 mill-42nd Circuit Court for the Counry of Midland, fl-Istat ta' Michigan, fl-Istati Uniti li permezz tagħha r-rikorrenti nomine ġiet assenjata l-polza magħrufa bħala STM Malta (US) Retirement Plan PF793461, u għalhekk;

**Tordna** li l-polza magħrufa bħala STM Malta (US) Retirement Plan PF793461 għandha tiġi assenjata fl-intier tagħha lir-rikorrenti nomine.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti mandatarja.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**